SANTA LUĊIJA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

## Is-Seba' Leġislatura
## Laqgħa Numru 27-17

23 ta' Marzu 2017

Il-Kunsilli Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea – Kunsillier
Joe Bonello - Kunsillier
Rachel Mamo – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadt

ASSENTI

Hadt

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

5.1.1 Nil

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**27.2.1 *Talba għall-laqgħa mal-Kunsill***

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għall-minuta 26.3.5 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet lis-Sindku jekk kienx tkellem ma' dan l-individwu fuq il-Voluntary Registration Number. Is-Sindku wieġeb li dan l-individwu qallu li għandu il-Voluntary Registration Number.

**27.2.2 *Video Mużikali fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsilliera Galea irreferit għall-minuta 26.2.1.2 u staqsiet jekk kienetx inbagħtet l-ittra biex l-individwu li uża Gnien is-Serenita' jiġi jħallas il-ħlas dovut skond il-Bye-Laws ta' Gnien is-Serenita' u talbet biex tara l-ittra. Ġiet ippreżentata l-ittra għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**27.2.3 *Ġabra b'risq Puttinu Cares***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 26.2.1.4 u staqsa jekk kienetx inġabet l-irċevuta. Is-Sindku wieġeb li iva u ppreżenta kopja tal-irċevuta.

**27.2.3 *Proġett tal-Jogging Track***

Il-Kunsilliera Galea rreferit għall-minuta 26.2.2.1 u qalet li jidher li minn naħa tal-kuntrattur ta' Sport Malta ix-xogħol fuq il-Jogging Track huwa komplut. Hija qalet li l-pendenzi li baqa' kienu minn naħa tal-Kunsill. Hawnhekk il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti dan il-proġett li jinsab fuq l-Aġenda ta' din il-laqgħa. Qamet diskussjoni u wara li l-Kunsill ikkunsidra diversi kwotazzjoni li nġabru għal xiri ta' bankijiet ġie deċiż li jinxtraw tlett bankijiet għall-Jogging Track. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kunsill għażel bank li fil-fehma tiegħu huwa l-aktar addattat għal dan il-post u li m'għandux bżonn ta' manutenzjoni. L-ispiża nvoluta hija ta' €345.00 għal kull bank li tinkludi l-Vat, trasport u nstallazjoni u li kienet l-aktar kwotazzjoni favorevoli għal dan it-tip ta' bank. Il-Kunsill approva wkoll stima ta' xogħol ta' €990.00 biex il-kuntrattur tal-Kunsill jagħmel xogħol fuq id-diżlivelli li hemm. Dwar xogħol ta' *trenching* fil-ħamrija, is-Sindku qal li jekk tinħarat il-ħamrija dan ix-xogħol jista' jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**27.2.4 *Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi***

Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa jekk kienx sar kuntatt mal-kuntrattur preżenti. Is-Sinkdu qal li kien kelmu u minn dak inhar ma kienx hemm aktar problemi.

**27.2.5 *Homework Klabb***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għal Homework Klabb li għaddej bħalissa. Huwa qal li trid issir Press Conference mill-Onor. Buontempo u li l-Ministru tal-Edukazzjoni wera x-xewqa li jgħamel żjara biex jara x-xogħol li qed isir.

**27.2.6 *Armar tal-Milied fl-iSculpture Garden***

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għall-minuta 26.2.1.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet jekk id-dawl iżżarmax. Is-Sindku wieġeb li iva u li diġa żżarmat parti mill-grotta**.** Qamet diskussjoni dwar l-istat li jinsab fih il-post. Il-Viċi Sindku qal li kienu marru jkellmuh xi żgħażagħ biex xi strutturi li saru ma jiżżarmawx u jitħallew fil-post. Huwa qal li kien ġie nsulentat minn wieħed miż-żgħażagħ li qal kliem dispreġevoli fil-konfront tiegħu. Huwa qal li trid isir proposta permezz ta' mozzjoni u titieħed deċiżjoni mill-Kunsill.

**27.2.7** Il-Minuti tal-Laqgħa numru 26-17ġew approvati mill-Kunsill

**27.3** ***Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti***

Saret referenza għall-fatt li l-iskedi tal-pagamenti fl-aħħar erba' laqgħat tal-Kunsill ma ġewx iffirmati bi protesta. Qamet diskussjoni u l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera filwaqt li sostnew ir-raġunijiet tagħhom, qablu li jiffirmaw dawn l-iskedi biex ikun hemm kontinwita' tas-servizzi li jolqtu r-residenti u b'rispett lejn il-kredituri u l-ħaddiema u l-familja tagħhom.

Il-Kunsill approva dawn l-iskedi ta' pagamenti:

Nru.CM23-24-17 permezz ta' ċekkijiiet minn numru BOV 6496 sa numru BOV 6549
Proponent: Joseph Bonello
Sekondant: Liam Sciberras

Nru.CM25-17 permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 6550 sa numru BOV 6578
Proponent: Frederick Cutajar
Sekondant: Liam Sciberras

Nru CM26-17 permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV6579 sa numru BOV 6621
Proponent: Joseph Bonello
Sekondant: Caroline Galea

Nru CM27-17 permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV6622 sa numru BOV 6659
Proponent: Frederick Cutajar
Sekondant: Caroline Galea

Kopji ta' dawn l-iskedi qed jiġu annessa ma' dawn il-minuti.

**27.4** **Tmiem tal-Laqgħa**

Fis-6.15p.m il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Caroline Galea u l-Kunsillier Joe Bonello telqgħu mill-laqgħa.
Is-Sindku qal li din il-laqgħa ntemmet minħabba nuqqas ta' kworum.

Ma kien hemm l-ebda deċiżjoni dwar id-data u l-ħin tal-laqgħa li jmiss.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| _________________ | _________________ |
| Terrence Ellul | Caroline Silvio |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: -**Erbgħa, 19, ta' April 2017**